31970L0524

14.12.1970 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 270/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-23 ta' Novembru 1970
li tirrigwarda adittivi f'għalf għall-bhejjem

(70/524/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]);

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali;

Billi l-produzzjoni ta' bhejjem tokkupa post importanti ħafna fl-agrikoltura tal-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi l-ksib ta' riżultati sodisfaċenti jiddependi fil-parti l-kbira fuq l-użu ta' għalf għall-bhejjem ta' kwalità tajba u adattata;

Billi l-eżistenza ta' regoli li jirrigwardaw l-għalf għall-bhejjem hija essenzjali għal żieda fil-produttività agrikola; Billi l-għalf għall-bhejjem qiegħed, dejjem iżjed, jinvolvi l-użu ta' adittivi;

Billi d-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Istati Membri permezz tal-liġi, regolamenti jew azzjoni amministrattiva li jirrigwardaw adittivi fl-għalf għall-bhejjem, sakemm ikunu jeżistu, huma differenti bejniethom fir-rigward tal-prinċipji bażiċi tagħhom; billi għaldaqstant dawn jaffettwaw b'mod dirett l-istabbiliment u t-tħaddim tas-suq komuni u għalhekk għandhom jiġu armonizzati;

Billi, bħala regola ġenerali, "adittivi" tfisser sustanzi li jtejbu kemm l-għalf li jkunu inkorporati fih kif ukoll il-produzzjoni tal-bhejjem; billi, għal din ir-raġuni, l-antibijotiċi għandhom jiġu meqjusa wkoll bħala adittivi minħabba li, meta jintużaw fi kwantitajiet żgħar, ikollhom effett nutrizzjonali fiżjoloġiku, għalkemm meta jintużaw fi kwantitajiet kbar ikollhom effett mediċinali;

Billi dawn is-sustanzi ma għandhomx jiġu użati f'għalf għall-bhejjem bl-iskop ewlieni ta' dijanjożi, trattament jew prevenzjoni ta' marda; billi għandhom, madanakollu, jiġu awtorizzati għall-għan ewlieni sabiex itejbu l-għalf għall-bhejjem billi jipprevjenu defiċjenzi nutrizjonali;

Billi, barra minn hekk, ċerti sustanzi li huma purament mediċinali bħall-koċċidjostati għandhom, matul l-ewwel fażi, jiġu meqjusa fir-rigward ta' għalf għall-bhejjem bħala adittivi, minħabba li bosta Stati Membri ilhom jużawhom għall-profilassi kollettiva, prinċipalment fit-trobbija tat-tjur; billi, madanakollu, dawn għandhom jiġu eżaminati aktar jekk tiġi mfassla direttiva dwar l-għalf mediċinali għall-bhejjem;

Billi l-prinċipju bażiku wara r-regoli f'dan il-qasam għandu jkun li dawk l-adittivi li huma msemmija f'din id-Direttiva biss jistgħu jkunu jinsabu f'għalf għall-bhejjem u biss jekk ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti hawn taħt, u li adittivi bħal dawn ma jkunux jistgħu, soġġetti għall-eċċezzjonijiet li għalihom hemm provdut, jintużaw fi kwalunkwe mod ieħor għall-għanijiet ta' tmiegħ ta' bhejjem;

Billi huwa meħtieġ, fil-ħin meta jiġu awtorizzati l-adittivi, li jkun żgurat li dawn ikollhom effett favorevoli fuq il-karatteristiċi ta' l-għalf għall-bhejjem li magħhom jiġu miżjuda jew fuq il-produzzjoni tal-bhejjem; billi m'għandhomx ipoġġu s-saħħa tal-bhejjem jew dik tal-bniedem fil-perikolu u lanqas ma għandhom jagħmlu ħsara lill-konsumatur ta' prodotti ta' bhejjem; billi, soġġetti għall-eċċezzjonijiet li għalihom hemm provdut, ikun ta' min wieħed jeżamina jekk adittivi bħal dawn issa jkunux jistgħu jiġu użati għat-trattament jew prevenzjoni ta' mard jew jekk għadx hemm raġunijiet serji għar-restrizzjoni ta' l-użu tagħhom għal skopijiet mediċi jew veterinarji;

([1]) ĠU C 135, ta' l-14.12.1968, p. 20.

Billi, minħabba s-sitwazzjoni speċjali ta' ċerti Stati Membri, u b'mod partikolari minħabba s-sistemi ta' tmiegħ tal-bhejjem differenti tagħhom, f'ċerti każijiet hemm bżonn li jkunu permessi derogi mill-prinċipji msemmija fuq għal livell aċċettabbli għas-saħħa tal-bhejjem u għal dik tal-bniedem;

Billi l-Istati Membri għandhom iżommu l-poter li jissospendu l-użu ta' ċerti adittivi jew li jnaqqsu l-livelli massimi tagħhom jekk is-saħħa tal-bhejjem jew dik tal-bniedem tkun ipperikolata; Billi l-Istati Membri ma għandhomx, madanakollu, jkunu jistgħu jirrikorru għal dak il-poter sabiex jostakolaw il-moviment liberu tad-diversi prodotti;

Billi għandu jiġi provdut li l-għalf għall-bhejjem li jkun fih adittivi jiġi ttikkettjat b'mod speċjali sabiex il-konsumatur ikun jista' jsir jaf in-natura ta' l-adittiv u jkun protett kontra frodi; billi din id-disposizzjoni tirreferi partikolarment għal għalf għall-bhejjem supplimentari li jkun fih konċentrati ta' ċerti adittivi;

Billi regoli tal-Komunità m'għandhomx japplikaw għal għalf għall-bhejjem intenzjonat għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, minħabba li ġeneralment, dawn ta' l-aħħar japplikaw regoli differenti;

Billi, sabiex ikun żgurat li l-ħtiġijiet stabbiliti fir-rigward ta' adittivi huma matul it-tqegħid fuq is-suq, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kontroll adattati;

Billi l-għalf għall-bhejjem li jissodisfa dawn ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett biss għar-restrizzjonijiet tat-tqegħid fuq stabbiliti f'din id-Direttiva;

Billi, sabiex l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tiġi faċilitata, għandha tkun applikata proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti ta' l-Għalf għall-Bhejjem;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tgħodd għal adittivi fl-għalf għall-bhejjem.

L-Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) *Adittivi*: sustanzi li, meta inkorporati f'għalf għall-bhejjem, x'aktarx jaffettwaw il-karatteristiċi tagħhom jew il-produzzjoni tal-bhejjem;

(b) *Għalf għall-bhejjem*: sustanzi organiċi jew inorganiċi, użati waħidhom jew f'taħlitiet, kemm jekk ikun fihom u kemm jekk ma jkunx fihom adittivi, għal tmiegħ orali tal-bhejjem;

(ċ) *Razzjon ta' kuljum*: il-kwantità totali medja ta' għalf għall-bhejjem, maħduma fuq kontenut ta' umdità ta' 12 %, meħtieġa kuljum minn bhima ta' speċi, kategorija ta' età u produzzjoni partikolari, sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet kollha tagħha;

(d) *Għalf komplet għall-bhejjem*: taħlitiet ta' għalf għall-bhejjem li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, ikunu biżżejjed għal razzjon ta' kuljum;

(e) *Għalf għall-bhejjem supplimentari*: taħlitiet ta' għalf għall-bhejjem li jkollhom kontenut għoli ta' ċerti sustanzi u li, minħabba l-kompożizzjoni tagħhom, ikunu biżżejjed għal razzjon ta' kuljum biss jekk jintużaw flimkien ma' għalf għall-bhejjem ieħor;

(f) *Taħlitiet minn qabel*: konċentrati adittivi maħsuba għall-manufattura industrijali ta' għalf għall-bhejjem kompost.

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li, fir-rigward ta' għalf għall-bhejjem, dawk l-adittivi biss li jkunu mniżżla fl-Anness I jistgħu jiġu nkorporati f'għalf għall-bhejjem u soġġetti biss għar-rekwiżiti stabbiliti fihom. Dawn l-adittivi ma jistgħux jiġu użati fi kwalunkwe forma oħra ta' għalf għall-bhejjem.

2. Il-kontenut massimu u minimu mniżżel fl-Anness I jirreferi għall-għalf komplet għall-bhejjem.

3. It-taħlita ta' adittivi msemmija f'din id-Direttiva għandha tkun permessa f'għalf għall-bhejjem biss fejn, fir-rigward ta' l-effetti mixtieqa, ikun hemm kompatibilità fiżika u kimika bejn il-komponenti tat-taħlita.

4. Antibijotiku (l-Anness I (A) u l-Anness II (A)) jista' jiġi mħallat ma' antibijotiku ieħor wieħed biss, kemm-il darba jkun diġa hemm provvedimenti f'dawk l-Annessi għat-taħlita li tkun għad trid tiġi prodotta. Il-komponenti ma jkunux jistgħu jappartjenu għall-istess grupp kimiku. Il-livell massimu awtorizzat ta' kull komponent għandu jkun dak stabbilit minn din id-Direttiva, mnaqqas għal livell fi proporzjon għall-perċentwal tiegħu fit-taħlita.

5. Il-koċċidjostati u sustanzi mediċinali oħra (Anness I (D) u Anness II (B) ma jistgħux jiġu mħallta flimkien kemm-il darba ma jkunx hemm diġà pprovvedimenti għat-taħlita f'dawk l-Annessi.

6. L-Istati Membri jistgħu, għal skopijiet sperimentali jew xjentifiċi, jipprovdu għal derogi mid-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, 3, 4 jew 5 fuq il-kondizzjoni li jkun hemm sorveljanza uffiċjali adegwata.

7. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, matul perjodu ta' ħames snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva, iżidu, għat-territorju tagħhom stess, il-livell massimu ta' antibijotiċi awtorizzat (l-Anness I (A)), minbarra fil-każ tas-sustanzi E 709, E 711 u E 712, skond kif ġej:

(a) Oleandomycin, sa 25 ppm ta' l-għalf komplet għall-bhejjem:

(b) għat-tjur, minbarra papri u wiżż, minn meta jfaqqsu sa l-aħħar tar-raba' ġimgħa;

(ċ) għall-majjali, minn meta jitwieldu sa l-aħħar tat-tmien ġimgħa;

(d) L-antibijotiċi l-oħra kollha, sa 50 ppm ta' l-għalf komplet għall-bhejjem:

(a) għat-tjur, minbarra papri u wiżż, minn meta jfaqqsu sa l-aħħar tar-raba' ġimgħa;

(b) għall-għoġġiela, ħrief u gidjien, minn meta jitwieldu sa l-aħħar tas-sittax-il ġimgħa;

(ċ) għall-majjali, minn meta jitwieldu sa l-aħħar tat-tmien ġimgħa;

(d) għall-bhejjem imrobbija għall-pil tagħhom.

L-Artikolu 4

1. B'deroga mill-Artikolu 3 (1), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' dawn li ġejjin ġewwa t-territorju tagħhom:

(a) matul perjodu ta' ħames snin minn wara n-notifika ta' din id-Direttiva, is-sustanzi li jappartjenu għal gruppi minbarra dawk imniżżla fl-Anness I, sakemm it-testijiet juru li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl–Artikolu 6 (2) (A) huma sodisfatti. Din id-deroga ma għandhiex tapplika għal sustanzi li jkollhom effett ormonali jew anti-ormonali;

(b) matul perjodu ta' ħames snin minn wara n-notifika ta' din id-Direttiva, is-sustanzi elenkati fl-Anness II, sakemm it-testijiet juru li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl–Artikolu 6 (2) (A) huma sodisfatti;

(ċ) urea għal bhejjem adulti li jixtarru, sakemm it-testijiet juru li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 (2) (A) huma;

(d) molibdenu, sa 25 ppm ta' l-għalf komplet għall-bhejjem;

(e) selenju, sa 0.5 ppm ta' l-għalf komplet għall-bhejjem;

(f) zakkarina.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn bil-miżuri kollha meħuda taħt il-paragrafu 1 u għandhom jipprovdu d-dokumenti li huma jikkonsidraw li jiġġustifikaw l-awtorizazzjoni tagħhom.

L-Artikolu 5

Fi żmien perjodu raġonevoli wara l-awtorizzazzjoni ta' adittiv minn Stat Membru taħt l-Artikolu 4 (1) (a), il-Kummissjoni għandha tikkonsidra jekk, minħabba d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6, l-adittiv ikunx jista' jiġi nkluż fl-Anness I jew jekk l-awtorizzazzjoni tkunx tista' tiġi rrevokata. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-proposti addattati lill-Kunsill, li għandu jaġixxi kif stabbilit fl-Artikolu 6.

L-Artikolu 6

1. Il-Kunsill għandu, waqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni u fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika u teknika:

— jiffissa l-kriterji ta' purità għal adittivi li jirrigwardaw din id-Direttiva,

— jadotta kwalunkwe emendi li jkollhom isiru għall-Anness I.

2. Meta jemenda l-Anness I, il-Kunsill għandu japplika l-prinċipji li ġejjin:

A. Sustanza għandha tiġi nkluża fl-Anness I biss jekk:

(a) ikollha effett favorevoli fuq il-karatteristiċi ta' dak l-għalf għall-bhejjem jew fuq il-produzzjoni tal-bhejjem meta nkorporata f'għalf għall-bhejjem bħal dan;

(b) fil-livell permess fl-għalf għall-bhejjem din ma tipperikolax is-saħħa tal-bhejjem jew dik tal-bniedem u lanqas ma tagħmel ħsara lill-konsumatur billi tbiddel il-karatteristiċi ta' prodotti tal-bhejjem;

(ċ) in-natura u l-livell tagħha fl-għalf għall-bhejjem jkunu jistgħu jiġu kkontrollati;

(d) fil-livell permess fl-għalf għall-bhejjem, it-trattament jew il-prevenzjoni ta' mard tal-bhejjem ikun eskluż; din il-kondizzjoni ma tapplikax għal sustanzi tat-tip imniżżel fl-Anness I (D);

(e) għal raġunijiet serji li jikkonċernaw is-saħħa tal-bniedem jew dik tal-bhejjem l-użu tagħha jista' jiġi llimitat għal għanijiet mediċi jew veterinarji.

B. Sustanza għandha titħassar mill-Anness I jekk kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet imniżżla taħt A ma tkunx sodisfatta aktar.

L-Artikolu 7

1. Meta l-użu fl-għalf għall-bhejjem ta' wieħed mill-addittivi mniżżel fl-Anness I jew il-livell massimu stabbilit għal addittiv bħal dan jista' jpoġġi fil-perikolu s-saħħa tal-bhejjem jew dik tal-bniedem, Stat Membru jista', għal perjodu massimu ta' erba' xhur, jissospendi l-awtorizzazzjoni sabiex jintuża dak l-addittiv jew jista' jnaqqas il-livell massimu stabbilit. Huwa għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni, li għandha tikkonsulta lill-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat Permanenti ta' l-Għalf għall-Bhejjem stabbilit b'Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-20 ta' Lulju 1970 ([1]).

2. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni għandu jiddeċiedi bla telf ta' żmien jekk l-Anness I għandux jiġi emendat u, jekk ikun hekk, għandu jadotta permezz ta' direttiva l-emendi meħtieġa. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' wkoll, jekk ikun hemm bżonn, jestendi għal perjodu massimu ta' sena l-perjodu stabbilit fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-għalf għall-bhejjem supplimentari, dilwit kif speċifikat, ma jkunx fih livelli ta' l-addittivi msemmija f'din id-Direttiva li jaqbżu dawk stabbiliti għall-għalf komplet għall-bhejjem.

L-Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-livelli ta' antibijotiċi (l-Anness I (A)), antiossidanti (Annex I (B)), koċċidjostati u sustanzi mediċinali oħra (Anness I (D)), vitamini D (Anness I (H) Nru 1) u ta' traċċi ta' elementi (Anness I (I)) f'għalf għall-bhejjem supplimentari u taħlitiet lesti minn qabel ikunu jistgħu jaqbżu l-livelli massimi stabbiliti għal għalf komplet għall-bhejjem biss fil-każ ta':

(a) materjali li jiġu kkonsenjati lil manifatturi ta' għalf għall-bhejjem kompost jew lill-fornituri tagħhom;

(b) għalf għall-bhejjem supplimentari li Stat Membru jkun awtorizza sabiex ikun disponibbli lill-konsumaturi kollha fuq il-kondizzjoni li l-livell ta' antibijotiċi, vitamini D jew traċċi ta' elementi ma jaqbiżx ħames darbiet il-livell massimu stabbilit;

(ċ) għalf għall-bhejjem supplimentari li jkun maħsub għal ċerti speċi ta' bhejjem u li Stat Membru jkun permess li jawtorizza li jkun disponibbli ġewwa t-territorju tiegħu lill-konsumaturi kollha minħabba sistemi ta' tmigħ speċjali, fuq il-kondizzjoni li l-livell tagħhom ma jaqbiżx:

— għal antibijotiċi, 1000 ppm;

— għal antiossidanti, koċċidjostati u sustanzi mediċinali oħra, ħames darbiet il-livell massimu stabbilit;

— għall-vitamini D, 200 000 IU/kg.

Din id-disposizzjoni m'għandhiex tapplika fil-każ ta' awtorizzazzjoni mogħtija taħt is-sottoparagrafu (b).

2. L-awtorizzazzjoni taħt il-paragrafu 1 (b) jew (ċ) tista' tingħata biss jekk l-għalf għall-bhejjem ikun fih karatteristiċi kompożizzjonali (fir-rigward ta', per eżempju, proteini jew minerali) li fil-prattika jiżguraw li l-livell ta' addittivi stabbilit għal għalf komplet għall-bhejjem ma jkunx maqbuż u li l-għalf għall-bhejjem ma jiġix użat għal speċi ta' bhejjem minbarra dawk li għalihom ikun maħsub. L-awtorizzazzjoni ta' għalf ta' din ix-xorta għandha tiġi stabbilita permezz ta' konsultazzjoni minn qabel bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar l-Għalf għall-Bhejjem.

L-Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li għalf għall-bhejjem li jkun fih xi waħda mis-sustanzi mniżżla hawn taħt ikun jista' jitqiegħed fis-suq biss jekk is-sustanza tkun speċifikata fuq l-ippakkjar, jew direttament jew permezz ta' tikketta li tagħti d-dettalji li ġejjin:

(a) antibijotiċi: in-natura, il-livell u d-data ta' skadenza tal-garanzija ta' dak il-livell;

(b) sustanzi li għandhom effetti antiossidanti: in-natura;

(ċ) koċċidjostati u sustanzi mediċinali oħra (Anness I (D)): in-natura, il-livell u l-kondizzjonijiet ta' użu kif speċifikat fl-Anness;

(d) materja li tagħti l-kulur, li tinkludi pigmenti, mniżżla fl-Anness I (F) Nru 2: in-natura;

(e) Vitamini A, D u E: in-natura, il-livell u d-data ta' skadenza tal-garanzija ta' dak il-livell;

(f) ram: livell imfisser bħala Cu, jekk jaqbeż il-50 ppm;

(g) addittivi awtorizzati taħt l-Artikolu 4 (1) (a): natura u livell.

Għandha ssir referenza għal dawn is-sustanzi permezz tat-terminoloġija li tkun daħlet fl-użanza.

2. Fil-każ ta' oġġetti bil-massa, id-dettalji msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jingħataw fuq dokument mehmuż ma' l-oġġetti.

3. Il-preżenza ta' traċċi ta' elementi u ta' vitamini minbarra vitamini A, D u E, ta' provitamini u jistgħu jiġu ndikati sustanzi attivi simili oħra jekk l-ammonti ta' dawn is-sustanzi preżenti jkunu jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' metodi ta' analiżi uffiċjali. F'każijiet bħal dawn għandhom jingħataw id-dettalji li ġejjin:

([1]) ĠU L 170, tat-3.8.1970, p. 1.

(a) għal traċċi ta' elementi: natura u livell;

(b) għal sustanzi oħra: in-natura, il-livell u d-data ta' skadenza tal-garanzija ta' dak il-livell.

4. Kwalunkwe referenza għal adittivi minbarra dawk fil-forma stabbilita f'din id-Direttiva għandha tkun projbita.

L-Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-għalf għall-bhejjem supplimentari li jkun fih adittivi f'ammonti akbar mil-livelli massimi stabbiliti għal għalf komplet għall-bhejjem jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk l-ippakkjar:

(a) jkun fih il-kliem "għalf għall-bhejjem supplimentari" u jindika n-natura ta' l-għalf għall-bhejjem;

(b) jagħti direzzjonijiet għall-użu u l-istruzzjoni addizzjonali li ġejjin:

"Dan l-għalf għall-bhejjem jista' jintuża biss għal... (speċi u kategorija ta' età tal-bhima)... sa kwantita ta'... grammi għal kull kilogramma ta' razzjon ta' kuljum."

Dawn id-dettalji għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness I. Din id-disposizzjoni m' għandhiex tapplika għal materjali kkunsinnjati lil manufatturi ta' għalf għall-bhejjem kompost jew lill-fornituri tagħhom.

2. Id-dikjarazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 (b) għandha tkun ifformulata b'tali mod li, meta tkun segwita sew, il-proporzjon ta' adittivi ma jaqbiżx il-livell massimu stabbilit għal għalf komplet għall-bhejjem.

L-Artikolu 12

Meta l-għalf għall-bhejjem jitpoġġa fis-suq ta' l-Istati Membri l-oħra, għandhom jingħataw id-dettalji li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 10 u 11 f'ta' mill-anqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-pajjiż ta' destinazzjoni.

L-Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għalf li jikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma għandu jkun soġġett, fir-rigward tal-preżenza jew nuqqas ta' adittivi u fir-rigward ta' mmarkar, għall-ebda restrizzjoni fis-suq minbarra għal dawk stabbiliti minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 14

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-bhejjem ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe restrizzjoni fuq is-suq b'riżultat ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva..

L-Artikolu 15

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-għalf għall-bhejjem impoġġi fuq is-suq ikun ikkontrollat uffiċjalment, ta' mill-anqas b'kontrolli fuq kampjuni, sabiex jiġi vverifikat jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva jkunux sodisfatti.

L-Artikolu 16

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal għalf għall-bhejjem li jkun jidher, għallinqas b'indikazzjoni xierqa, li jkun għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

L-Artikolu 17

L-Istati Membri għandhom, fi żmien sentejn minn meta jiġu notifikati, idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti, jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwarhom.

L-Artikolu 18

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 23 ta' Novembru 1970.

F'isem il-Kunsill

Il-President

W. SCHEEL

L-ANNESS I

Nru tal- KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' bhejjem	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra
					ppm ta' għalf komplet		
	A) **Antibijotiċi**						
E 700	Bacitracin zinc	C66H103O16N17SZn Antibijotiċi ta' polypeptides li jkun fihom 12-20% ta' zingu	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	5	20	
			Għoġġiela	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Ħrief u gidjien	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Bhejjem mrobbija għall-pil	—	5	20	
E 701	Tetraċilin (imfisser bħala idrokloru)	C22H24O8N2-HCl	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	5	20	
			Għoġġiela	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
E 702	Klorotetraċilin (imfisser bħala idrokloru)	C22H23O8N2Cl-HCl	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	5	20	

Nru tal- KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' bhejjem	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra
					ppm ta' għalf komplet		
			Għoġġiela	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Ħrief u gidjien	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Bhejjem mrobbija għall-pil	—	5	20	
E 703	Ossitetraċilin (imfisser bħala idrokloru)	C22H24O9N2-HCl	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu	10 ġimgħat	5	20	
			Għoġġiela	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Ħrief u gidjien	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Bhejjem mrobbija għall-pil	—	5	20	
E 704	Oleandomycin	C35H61012N (baxi) Antibijotiku amacrolide	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	2	10	
			Majjali	6 xhur	2	10	

Nru tal- KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' bhejjem	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra
					ppm ta' għalf komplet		
E 705	Peniċillina-G-potassju (1)	C16H18N2O4S	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	5	20	
E 706	Peniċillina-G-sodju	C16H18NaN2O4S					
E 707	Peniċillina-G-procaine (1)	C 29H38N4O6S-H2O					
E 708	Peniċillina-G-benzathine (1)	C 48H56N6O8S2	Ħrief u gidjien	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Bhejjem mrobbija għall-pil	—	5	20	
E 709	Peniċillina-G-(sodju, procaine) – (taħlita ta' streptomycin: 3 partijiet ta' (a) peniċillina-G-(sodju, procaine) sa 7 partijiet ta' (b) streptomycin	a) C16H18NaN2O4S C29H38N4O6S-H2O	Għoġġiela	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
		b) C21H39O12N7	Ħrief u gidjien	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Bhejjem mrobbija għall-pil	—	5	20	

Nru tal- KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' bhejjem	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra
					ppm ta' għalf komplet		
E 710	Spiramycin	I. I C45H78O15N2 II. II C47H80O16N2 (bażi) III. III C48H82O16N2	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	5	20	
		Antibijotiċi macrolide	Għoġġiela	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Ħrief u gidjien	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	5	20	
				—	5	80	Tmigħ bil-ħalib biss
			Bhejjem mrobbija għall-pil	—	5	20	
E 711	Virginiamycin	I. I C26H35N3O7 II. II C43H49N7O10	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	5	20	
			Majjali	6 xhur	5	20	
E 712	Flavomycin	C70H124N6O40P	Tjur (minbarra papri, wiżżat, tiġieġ li jbidu)	10 ġimgħat	0,5	20	
			Għoġġiela	6 xhur	6	16	
				—	8	16	Tmigħ bil-ħalib biss
			Majjali	6 xhur	1	20	
				—	10	25	Tmigħ bil-ħalib biss
			Bhejjem mrobbija għall-pil	—	2	4	

Nru tal- KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' bhejjem	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra
					ppm ta' għalf komplet		
	B) **Anti-ossidanti**						
	1. Is-sustanzi kollha awtorizzati permezz ta' regoli tal-Komunità għall-protezzjoni ta' għalf għall-bhejjem kontra l-ossidazzjoni:						
E 321	a) Butylated hydroxytoluene (BHT)	2,6-di-tert-butyl-p-cresol		—	—	150	Konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fir-rigward ta' dawn is-sustanzi minn regoli tal-Komunità
	b) Oħrajn					100	
E 322	Ethyoxyquin	1,2-dihydro-6-ethoxy – 2,2,4-trimethylquinoline		—	—	150	
	C) **Sustanzi aromatiċi u li jqanqlu l-aptit**						
	Il-prodotti naturali kollha u l-prodotti sintetiċi li jikkorrespondu			—	—	—	
	D) **Koċċidjostati u sustanzi mediċinali oħra**						
E 750	Amprolium	1-(4-amino-2-propylpyrimidin-5-yl-methyl) - 2-methyl-pyridinium chloride hydrochloride	Tjur	—	62,5	125	L-użu huwa projbit mill-età minn meta jibdew ibidu 'l quddiem u mill-inqas 3-ijiem qabel il-qatla
E 751	Amproliumethopabate (taħlita: 25 parti ta' 9a) amprolium għal 1.6 partijiet ta' (b) ethopabate)	a) 1-(4-amino-2- propylprimidin-5-yl-methyl)-2-methyl-pyridinium chloride hydrochloride	Tiġieġ, dundjani	—	66,5	133	L-użu huwa projbit mill-età ta' meta jbidu 'l quddiem u ta' mill-inqas 3-ijiem qabel il-qatla
		b) methylsic 4-acetamido-2-ethoxy-benzoate					

Nru tal- KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' bhejjem	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra
					ppm ta' għalf komplet		
E 752	Dinitolmide	3-5-Dinitrol-o-toluamide	Tjur	—	62,5	125	L-użu huwa projbit mill-età ta' meta jibdew ibidu 'l quddiem u ta' l-inqas 3-ijiem qabel il-qatla
E 753	Buquinolate	Ethyl6,7-di iso-butoxy-4-hydroxy quinoline-3-carboxylate	Tiġieġ għat-tismin	—	82,5	82,5	L-użu huwa projbit mill-età ta' meta jibdgħu jbidu 'il quddiem u ta' l-inqas 3-ijiem qabel il-qatla
	E) **Emulsjonanti**						
	Is-sustanzi kollha awtorizzati mir-regoli tal-Komunità li jirrigwardaw l-għalf għall-bhejjem			—	—	—	Konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fir-rigward ta' dawn is-sustanzi minn regoli tal-Komunità
	F) **Sustanzi li jagħtu l-kulur li jinkludu pigmenti**						
	1. Carotenoids u xanthophylls:		Tjur	—	—	80 (total)	Konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fir-rigward ta' l-għoti tal kulur ta' l-għalf għall-bhejjem minn regoli tal-Komunità
E 160	Capsanthin	C40H58O3					
E 160	Beta-apo-8-carotenal	C30H40O					
E 160f	Ester etile ta' aċidu beta-apo-8-karotiniku	C32H44O2					
E 161b	Luteina	C40H56O2					
E 161ċ	Cryptoxanthin	C 40H56O					
E 161e	Violaxanthin	C40H56O					
E 161g	Cantahxanthin	C40H52O2					
E 161h	Eaxanthin	C40H56O2					

Nru tal- KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' bhejjem	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra
					ppm ta' għalf komplet		
	2. **Is-sustanzi l-oħra li jagħtu l-kulur lill-għalf għall-bhejjem awtorizzati minn regoli tal-Komunità**			—	—	—	Permessi f'għalf għall-bhejjem biss a) fil-prodotti pproċessati ta' skart ta' l-għalf għall-bhejjem i) ċerejali jew dqiq manojku żnaturat permezz ta' aġenti permessi li jagħtu lewn aħmar; ii) jew sustanzi bażi oħra żnaturati permezz ta' aġenti permessi jew mogħtija kulur iii) matul preparazzjoni teknika sabiex tkun żgurata l-identifikazzjoni meħtieġa matul il-manufattura; u b) b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fir-rigward ta' dawn is-sustanzi minn regoli tal-Komunità
	G) Stabbilizzaturi			—	—	—	
E 400	Aċidu alġiniku						
E 401	Alġinat tas-sodju						
E 404	Alġinat tal-kalċju						
E 410	Agar-agar						
E 411	Carragheen Carragheenius Carragheenates Carragheenanes						
E 412	Dqiq taż-żerriegħa tal-ħarrub						
E 415	Gomma thragacanth						
E 416	Gomma arabika						
E 440	Sustanzi pektiċi						

(1) Proporzjonijiet bhal għall-peniċillina -G- sodju; 1 ppm peniċillina-G-Na jew - K = 1,66 ppm peniċillina G procaine = 1,66 IU/kg.

Nru tal-KEE	Adittivi	Deskrizzjoni tal-Formula kimika	Speċi ta' annimal	Età massima	Kontenut massimu IU/kg ta' għalf komplet għall-bhejjem jew tar-razzjon ta' kuljum	Dispożizzjonijiet oħra	
	H. **Vitamini, provitamini u sustanzi kimikament ddefiniti tajjeb li għandhom effett simili**						
E 670	1. Vitamina D2		Majjali	—	2 000		
			Qżieqeż	—	10 000	Tmigħ bil-ħalib biss	Użu simultanju tal-Vitamina D3 huwa projbit
			Bhejjem tal-fart	—	4 000		
			Ngħaġ u ħrief	—	4 000		
			Għoġġiela	—	10 000	Tmigħ bil-ħalib biss	
			Żwiemel	—	4 000		
			Speċi oħra (minbarra tjur)	—	2 000		
E 671	Vitamina D3		Majjali	—	2 000		
			Qżieqeż	—	10 000	Tmigħ bil-ħalib biss	Użu simultanju tal-Vitamina D2 huwa projbit
			Bhejjem tal-fart	—	4 000		
			Ngħaġ u ħrief	—	4 000		
			Għoġġiela	—	10 000	Tmigħ bil-ħalib biss	
			Żwiemel	—	4 000		
			Tiġieġ li jbidu	—	3 000		
			Tjur oħra	—	2 000		
			Speċi oħra	—	2 000		Użu simultanju tal-Vitamina D2 huwa projbit
	2. Is-sustanzi kollha fil-grupp minbarra l-Vitamina D			—	—		

Nru tal-KEE	Komponent	Adittivi	Formula kimika	Il-kontenut massimu ta' l-element f'ppm ta' l-għalf komplet tal-bhejjem
	I.			
E 1	Ħadid – Fe			1250 (total)
		Ferrous fumarate	FeC4H2O4	
		Ferrous citrate	Fe3(C6H5O7)2-6 H2O	
		Ferrous carbonate	FeCO3	
		Ferrous chloride	FeCl2-4 H2O	
		Ferric chloride	FeCl3-6 H2O	
		Ferric oxide	Fe2O3	
		Ferrous sulphate	FeSO4-7 H2O	
E 2	Jodju – I			40 (total)
		Calcium iodate	Ca(IO3)2-6 H2O	
		Anhydrous calcium iodate	Ca(IO3)2	
		Sodium iodide	Na I	
		Potassium iodide	K I	
E 3	Kobalt – Co			10 (total)
		Aċetat tal-kobalt	Co(CH3COO)2-4 H2O	
		Karbonat bażiku tal-kobalt	2 CoCO3-3 Co(OH)2 - H2O	
		Klorur tal-kobalt	CoCl2-6 H2O	
		Sulfat tal-kobalt	CoSO4-7 H2O	
		Sulfat tal-kobalt monoidrat	CoSO4-H2O	
		Nitrat tal-kobalt	Co(NO3)2-6 H2O	
E 4 E 4 (ikompli)	Ram – Cu			Majjali: 125 (total) Speċi oħra ta' bhejjem: 50 (total)
		Aċetat tar-ram	Cu(CH3COO)2-H2O	

Nru tal-KEE	Komponent	Adittivi	Formula kimika	Il-kontenut massimu ta' l-element f'ppm ta' l-għalf komplet tal-bhejjem
		Karbonat tar-ram bażiku, monoidrat	CuCO3-Cu(OH)2-H2O	
		Klorur tar-ram	CuCl2-2 H2O	
		Ossidu tar-ram	CuO	
		Sulfat tar-ram	CuSO4-5 H2O	
E 5	Manganiż – Mn			250 (total)
		Karbonat tal-manganiż	MnCO3	
		Klorur tal-manganiż	MnCl2-4 H2O	
		Fosfat idroġenu tal-manganiż	MnHPO4-3 H2O	
		Ossidu tal-manganiż	MnO	
		Ossidu tal-manganiż	Mn2O3	
		Sulfat tal-manganiż	MnSO4-4 H2O	
		Sulfat tal-manganiż, monoidrat	MnSO4-H2O	
E 6	Zingu – Zn			250 (total)
		Zinc lactate	Zn(C3H5O3)2-3 H2O	
		Aċetat taż-żingu	Zn(CH3-COO)2-2 H2O	
		Karbonat taż-żingu	ZnCO3	
		Klorur taż-żingu, monoidrat	ZnCl2-H2O	
		Ossidu taż-żingu	ZnO	
		Sulfat taż-żingu	ZnSO4-7 H2O	
		Sulfat taż-żingu, monoidra	ZnSO4-H2O	

l-ANNESS II

Nru	Adittivi	Deskrizzjoni, formula kimika
	A. **Antibijotici**	
1	Bacitracin manganese	$C_{66}H_{103}O_{16}N_{17}S$ Mn, Kumpless ta' nianganiż ta' polypeptides
2	Erythromycin	$C_{37}H_{67}O_{13}N$ (base), mactolides
3	Hygromycin B	$C_{15}H_{28}0_{10}N_2$
4	Neomycin	$C_{23}H_{46}O_{12}N_6$
5	Soframycin	Piz molikulari ta' bejn 1400 u 1500
6	Tylosin	$C_{45}H_{79}O_{17}N$ (base), macrolides
	B. **Koccidjostati u sustanzi medicinali ohra**	
1	Decoquinate	$C_{24}H_{35}0_5N$ Ethyl 6-decyloxy-7'ethoxy-4-hydroxyquinoline-3-carboxylate
2	Dimitridazole	l,2-Dimethyl-5-nitroimidazole
3	Acinitrazole(acerylenehep-tine)	2-acetylamino-5-nitrothiazole
4	Furazolidone	3-(5-nitrofurfurylideneamino)-oxazolidin-2-one
5	Clopidol	3,5-Dichloro-2,6-dimethyl-4-pyridinol
6	Nicarbazin	4,4-dinitrocarbanilide + 2-hydroxy-4,6-dimethyl-pyrimidine
7	Nitrofurazone	5-nitro-2-furfurylidene semicarbazone
8	Sulphaquinoxaline	2-p-aminobenzenesulphonamidoquinoxaline
9	"Whitsyn" (Sulphaquinoxaline +Pyrimethamine)	2-p-aminobenzenesulphonamidoquinoxaline +2,4-diamino-5(4-cholorophenyl)-6-ethylpyrimidine
10	(Sulphaquinoxaline +Diaveridine)	2-p-aminobenzenesulphonamidoquinoxaline+2,4-diamino-5 (3,4 dimethoxybenzyl-pyrimidine)
11	(Sulphadimethoxyne +Diaveridine}	2,4-dimethoxy-6-sulphaniIamido-l,3-diazine +2,4-diamino-5(3,4 dimethoxy-benzylj-pyrimidine
12	Ronidazol	(l-methyl-2-carbamoyloxymethyI-5-nitroimidazole
13	Bifuran(nitrofurazone +furazolidone)	5-nitro-2-furfurylidene semicarbazone +3-(5-nitrofurfurylidene-amino)-oxazolidin-2-one
14	Methylbenzoquate	$C_{22}H_{23}O_4N$
15	Piperazine	
16	Nitrovin	l,5-di(5-nitro-2-furyl)-l,4-pentadien-3-one-amidinohydrazone-hydrochloride
	C. **Emulsjonanti**	
1	Esters ta' polyethyleneglycol	
2	"Tween 80"	PolyoxyethyleneSorbitan-monooleate

Nru	Adittivi	Deskrizzjoni, formula kimika
	D. **Stabbilizzaturi**	
1	Carboxymethylcellulose	$[C_6H_7O_2(OH)x(OCH_2COONa)y]n$ x = 2,00 to 2,40; y = – 00 to 0,60; x + y = 3,00
2	Ethers tac-celluloża	
3	Gelatina	
	E. **Adittivi oħra**	
1	Lignosulphonates Kaolin (sustanzi użati bħala binders fil-granulazzjoni ta' għalf għall-bhejjem)	
2	Silika u komposti tas-silika (dispersants u anti-aggluti-nanti)	
3	Acidu propjoniku u 1-imluha tieghu	$C_3H_6O_2$
4	Citranaxanthine	$C_{33}H_{44}O$
5	Myxoxantophyl	$C_{40}H_{56}O_7$ jew $C_{40}H_{58}O_7$